MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tat-12 ta' Marzu, 2004

Numru. 410/2001

PULIZIJA
SPETTUR CARLO ELLUL
VS
CLTDE BONAVIA

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Clyde Bonavia ta’ 16 il-sena iben Anthony u Lily nee Brincat imwieled Pieta fid-9 t’Awissu 1984 u joqghod 69, Alfonzo Street, Sliema jew 10 Fuq Verdala Bormla u detentur tal-karta tal-identita numru 410684M talli fit-3 ta’ Lulju 2001 fil-Pieta ghal habta tal-11am bil-hsieb li jaghmel delitt u cioe li jikkaguna feriti gravi fuq il-persuna ta’ huh Kevin Brincat, wera dan il-hsieb b’atti esterni u ta’ bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, billi ta’ daqqiet ta’ strument li jaqta u bil-ponta (sikkina) lil Kevin Brincat, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta tieghu.

Talli fl-istess hin, data, lok u cirkostanzi ikkaguna feriti hfief salv il-kumplikazzjonijiet fuq il-persuna ta’ Kevin Brincat billi tah daqqiet ta’ strument li jaqta u bil-ponta (sikkina).

Talli fl-istess hin, data, lok u cirkostanzi filwaqt tal-offiza fuq il-persuna ta’ Kevin Brincat kellu fuq il-persuna u fil-pussess tieghu arma regolari, skond kif kontemplat fl-artiklu 26 tal-kapitolu 66 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Talli fl-istess data, hin u lok, zamm kif wkoll garr strument li jaqta u bil-ponta minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija.

Talli fl-istess cirkostanzi, data, hin u lok kiser volontarjament il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali u tal-imputat sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Illi mix-xhieda tal-prosekuzzjoni (fol 7 sa 11) jirrizulta illi Spettur Ellul gie infurmat li kienet sehhet glieda bl-uzu ta’ sikkina bejn zewgt ahwa Kevin Brincat u Clyde Bonavia.

Il-pulizija intervjenew kwazi b’modd immedjat u giet kkontrollata is-sitwazzjoni.

Illi skond ir-rapport ta’ Kevin Brincat, Clyde wara taqbida inizjali, mar jigri warajh, qabez fuqu, u tah bis-sikkkina waqt li Clyde sostna fl-istqarrija tieghu illi huh aggredieh, tah heat butt, harab jigru, waqa mal-art, Clyde segwieh u qabez fuqu u huh hareg sikkina, tqabbdu t-tnejn sakemm Clyde irnexxielu johodielu u wegghu it-tnejn. Din is-sikkina

giet mghoddija lill-pulizija u esebita in atti. Din il-glieda sehhet fil-Coffee pot.

Certifikat mediku ta' Brincat Dok CE1 (fol 14) gie esebit u kkonfermat mit-Tabib a fol 52 u il-griehi ta' Brincat gew kklassifikati bhala "slight save complications". L-istqarrija tal-imputat giet esebita bhala Dok CE a fol 12.

PS86 Lia kkonferma ix-xhieda tal-ufficjal prosekutur – glieda bejn zewgt ahwa fil-Coffee pot – u li intervjenew il-pulizija biex jferrquhom. Lia sostna illi Bonavia ripetutament stqarr illi huwa ggieled bil-ponn u bis-sieq ma' huh u li ma uza ebda sikkina jew strument li jaqta jew bil-ponta  kontra huh.

PS Lia xehed illi Clyde kellu ferita f'idejh.

Lia kkonferma il-maniera illi biha l-pulizija kisbet is-sikkina li intuzat fl-incident u esebixxa l-okkorrenza (Dok A1 a fol 20).

PC363 kkonferma ix-xhieda ta' PS86 Lia u zied jghid illi kien ra lil Brincat b'lacerazzjoni ta' tlett centimetri fil-pexxun ta' saqajh ix-xellugija.

PC1167 Fenech, kien il-persuna illi osserva movimenti mhux soliti fil-hanut Coffee pot u dan intervjena ma kollegi ohra. Dan wkoll kkonferma ix-xhieda tal-pulizija.

Kevin Brincat a fol 28 xehed illi huwa rranga id-differenzi li kellu ma huh, li hafirlu u li ma xtaqx jixhed.

L-istess ghamel missieru Anthony Bonavia a fol 30.

PS177 Armeni kkonferma l-istqarrija tal-imputat a fol 36.

PC117 Mangion kien il-pulizija li gie moghti is-sikkina mill-Coffee pot.

Gorg Farrugia xehed fuq il-glieda bejn l-ahwa.  Kif hu u klijenti tal-hanut intervjenew biex jferrqu lill-ahwa, u gharaf l-istrument li intuza (fol 46 sa 47).

Dr Claire Agius kkonfermat ic-certifikat a fol 52 u kkonfermat illi l-griehi kienu minuri.

PC48 kkonferma illi l-imputat ma kellux licenzja biex jzomm jew jgorr arma (ara fol 54A u 56).

L-imputat ghazel li ma jixhidtx.

Ikkunsidrat:-

Illi mill-fatti fuq esposti jirrizulta illi si tratta fuq griehi ta' natura hafifa li gew kommessi permezz ta' sikkina. Dan gie kkonfermat mic-certifikat mediku li inhareg b'modd immedjat u gie konfermat min Dr Agius quddiem din il-Qorti. Ghalhekk zgur li ma tissussistiex l-ewwel akkuza ta' ferita ta' natura gravi u ghalhekk il-Qorti tillibera lill-imputat mill-ewwel akkuza.

Illi apparti dak sollevat mid-difiza il-parametri tal-akkuza kif tirrizulta huma dawk mahsuba taht Art 221(3)(a) u Art 222(1)(a) bil-piena massima ta' tlett xhur prigunerija jew multa.

Jrid jinghad wkoll illi fl-assenza ta' sikkina, l-mahfra ta' hu l-imputat keient tkun bizzejjed biex jezawrixxu il-proceduri.

Din il-Qorti taghraf wkoll illi l-imputat ghamel sittax il-gurnata f'arrest preventiv.

Illi din il-Qorti mehud kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, waqt li ssib lill-imputat hati tat-tieni akkuza bit-tielet, ir-raba u l-hames akkuza assorbiti, hi tal-fehma illi piena karcerarja aktar milli dak li gia ghamel l-imputat ma jkunx indikat, aktar u aktar meta wiehed japprezza illi l-imputat kellu biss sittax il-sena  meta gara l-incident.

Ghalhekk wara li rat Art 221(3)(a), 217, 222(1)(a) u 28A tal-kap 9 tikkundanna lill-imputat ghal xahar prigunerija sospiza ghal sitt xhur.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------